**4 ta' Ġunju, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Gio Maria Camilleri

*versus*

Avv. Dr. Renè A. Cremona et noe.

**Preskrizzjoni — Art. 2253 (b) tal-Kodiċi Ċivili — Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut.**

*Għall-fini tal-preskrizzjoni l-liġi ma żżomm l-ebda rigward tal-professjoni abitwali sia tal-grossista sia tal-minutant imma tikkunsidra biss il-vendita fiha nfisha u l-kwalitattiv tal-merċi fornita indipendentement mill-prezz.*

Il-Qorti, rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-attur talab illi l-konvenuti nomine jiġu kkundannati jħallsu lilu s-somma ta' tlieta

u sittin lira u sitt xelini (£63.6.0) dovuti mill-imsemmi Carmelo Abdilla għal prezz ta' ramel lilu mibjugħ u konsenjat. Bl-interessi u bl-ispejjeż;

Omissis;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li biha l-istess konvenut issolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 2253 (b) tal-Kodiċi Ċivili;

Billi, riferibilment għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li ġiet sollevata, dina l-preskrizzjoni m'hiex applikabbli għaliex mix-xhieda ta' l-attur u mid-dokument prodott ma' l-att ta' ċitazzjoni wieħed jirrikava illi l-bejgħ ma sarx bl-imnut u, kif dejjem ġie ritenut mit-tribunali tagħna, il-liġi għall-finijiet ta' dina l-preskrizzjoni ma żżomm l-ebda rigward tal-professjoni abitwali sia tal-grossista sia tal-minutant imma tikkunsidra biss il-vendita fiha nfisha u l-kwantitativ tal-merċi fornita indipendentement mill-prezz;

Billi, fil-meritu, it-talba tirriżulta ġustifikata bl-imsemmija depożizzjoni ta' l-attur u dokument;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine;

Tilqa' t-talba ta' l-attur bl-ispejjeż.